MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Numru 701/2002

**Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**v**

**MATTHEW CASSAR**

**Seduta ta' llum 27 ta' Novembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MATTHEW CASSAR** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Carmelo u Maria nee Camilleri, imwieled il-Marsa nhar s-sitta ta' Marzu, 1977 u joqghod 48, Triq Patri Magri, Marsa detentur tal-karta tal-identita numru 140177M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar d-dsatax ta' Lulju, 2002 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu fi Triq Elia Zammit, voluntarjament hassar, ghamel hsara

jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAA 353 tal-ghamla Mazda 121 liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin izda mhux aktar minn hames mitt lira maltin u dan ghad-dannu ta' Kathleen Victoria Micallef, Julianne Maria Anna Stagno u persuni ohra.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 t'Awissu 2002 esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument CSH 2 inserit a fol 4 tal-process.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u dan fl-ewwel opportunita` li kellu u cioe` fis-seduta tal-hdax ta' Novembru 2002.

Rat illi l-allegat vittma Juliane Maria Anna Stagno m'ghandha ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat u dan ghaliex l-imputat, pendenti l-proceduri ghamel tajjeb ghal hsarat kagunati minnu u cioe` dan fl-ammont ta' mija erbgha w tletin lira maltin u hamsa w disghin centezmu.

Rat ukoll li l-imputat ikkopera bi shih mal-Prosekuzzjoni u dan sahanistra anke mill-stadju meta huwa rrilaxxa l-stqarrija esebita f'dawn l-atti nhar id-dsatax ta' Lulju 2002 mmarkata bhala dokument DS fil-process.

**Il-Qorti ghalhekk fic-cirkostanzi wara li rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artiklu 325(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lil imputat MATTHEW CASSAR hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghju u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin .**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**